MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tal-15 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 22/2010

**Lawrence Sultana, Eucharist Mercieca u Carmel Azzopardi**

**Vs**

**Carmel sive Charlie Portelli**

Din hi kawza ta' spoll dwar ftuh ta' aperture ghal fuq sqaq privat u xoghol iehor li sar f'hajt divizorju li jisporgi ghal fuq l-isqaq. L-atturi qeghdin jitolbu lill-Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-konvenut ikkometta spoll meta fetah twieqi u aperturi ghal fuq l-isqaq u ghamel suletti li jesporgu l barra mil-linja divizorja.
2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li tiffissa l-qorti jerga' jpoggi kollox kif kien qabel sehh l-ispoll, u cjoe' ighalaq l-aperturi u jnehhi s-sulletti li qeghdin jesporgu 'l barra mil-linja divizorja.

3. Fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi sabiex jaghmlu x-xogholijiet necessarji a spejjez tal-konvenut.
4. Tillikwida somma ghad-danni li sofrew l-attur minhabba l-ispoll u tikkundannahom ihallsu tali somma.

Permezz ta’ nota prezentata fil-5 ta’ Arpil 2010 (14) il-konvenut ammetta t-talbiet tal-atturi.

Dwar ir-raba’ talba minkejja li l-ammissjoni hu fatt li din hi kawza ta’ spoll intiza biex issehh ir-reintegrazzjoni tal-pussess. Dan apparti l-konsiderazzjoni l-ohra li ma jirrizultax li fir-realta’ l-atturi sofrew xi danni bl-agir tal-konvenut.

**Ghaldaqstant il-qorti qeghda:-**

**1. Tiddikjara li l-konvenut wettaq spoll meta fetah twieqi u aperturi ghal fuq passagg kif jidher fir-ritratti Dok LS1 a fol. 10 u fforma sulletti fil-hajt divizorju.**
**2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ghas-spejjez tieghu u fi zmien tletin (30) jum mil-lum, jaghlaq it-twieqi u l-aperturi kollha li fetah ghal fuq il-passagg li jidher fir-ritratt Dok LS1 a fol. 10 u jnehhi l-gebel li mill-hajt divizorju qieghed jesporgi ghal fuq il-passagg.**
**3. Fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi sabiex jaghmlu x-xoghol ghas-spejjez tal-konvenut.**
**4. Tichad ir-raba’ talba.**

**Spejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 102/2010, a karigu tal-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------